MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 252/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**A.B.**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra **A.B.** talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

(1) fil-15 ta' Settembru 2001 u fix-xhur ta' qabel b'eghmil zieni kkorrompa lil **C.D.**, minuri ta' 9 snin, u dan bi ksur tal-Artikolu 203(1)(a) u (c) tal-Kap. 9;
(2) fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkustanzi kkommetta attentat vjolenti ghal-pudur fuq il-persuna ta' l-istess **C.D.**, persuna taht l-eta`, u dan bi ksur tal-Artikoli 207 u 202(b) tal-Kap. 9;

(3) talli fl-14 u 15 ta' Settembru 2001 b'eghmil zieni kkorrompa lil **E.F.**, minuri ta' 8 snin, u dan bi ksur tal-Artikolu 203(1)(a) tal-Kap. 9; kif ukoll
(4) talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna tal-istess **E.F.**, persuna taht l-eta`, u dan bi ksur tal-Artikoli 207 u 202(b) tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-3 ta' Novembru 2004 li permezz taghha dik il-qorti sabitu hati skond l-ewwel (1) u skond it-tielet (3) imputazzjoni (u stante li t-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni kienu komprizi u assorbiti fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni, ma sabitux hati skond l-imsemmija tieni u raba' imputazzjoni), u ikkundannatu ghall-piena massima ta' sitt (6) snin prigunerija; dik il-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat, isem il-minorenni u ta' kwalsiasi dettal li jista' jwassal ghall-identita` taghhom, u dana fl-interess u ghall-protezzjoni tal-minorenni involuti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi **A.B.**, minnu ppresentat fis-16 ta' Novembru 2004, li permezz tieghu talab ir-riforma tas-sentenza appellata fis-sens li huwa jigi lliberat minn dawk iz-zewg imputazzjonijiet li taghhom instab hati u konsegwentement jigi liberat ukoll mill-piena inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2005; ikkunsidrat:

Il-fatti li jirrizultaw mill-provi huma, brevement, is-segwenti: L-appellant huwa n-nannu patern tal-minuri **C.D.**. **E.F.** hija habiba ta' din **C.D.**. L-incidenti meritu ta' din il-kawza sehhew gurnata minnhom ftit gimghat qabel l-14/15 ta' Settembru 2001 (u dan fil-konfront ta' **C.D.** biss), kif ukoll fil-jiem tal-14/15 ta' Settembru 2001 fil-konfront taz-zewg minuri. Minghajr ma din il-Qorti toqghod tidhol f'hafna dettal (anke peress li l-appellant mhux jikkontesta proprjament il-fatt materjali tar-reat, hlief ghal punt wiehed, kif ser naraw aktar 'l quddiem), fl-ewwel okkazjoni (i.e. meta kien man-neputija tieghu) l-appellant kien gieghel lil **C.D.** tmiss b'subghajha l-parti privata taghha

biex huwa jkun jista’ wara jxommilha subghajha, hadilha ritratti tal-warrani taghha (wara li qalilha biex tnehhi l-qalziet ta’ taht), ha docca gharwien fil-bitha quddiemha, kif ukoll uriha stampi pornografici fuq il-kompjuter li kellu. Fit-tieni okkazjoni, meta allura z-zewgt itfal kienu flimkein ma’ l-appellant fir-residenza tieghu f’Ghawdex, huwa liz-zewt itfal gieghelhom imissu b’subghajhom il-parti privata taghhom (u fil-kaz ta’ **E.F.**, huwa stess messilha l-parti privata taghha), ha docca maghhom fil-bitha bit-tlieta li huma gharwenin u qaghdu jaghmlu anke xi “loghob” gharwenin (waqt dan l-hekk imsejjah “loghob” ma jirrizultax li hu mess lit-tfal jew gieghlhom imissuh jew imissu lilhom infushom), u lit-tnejn li huma hadilhom ritratti tal-warrani taghhom wara li qalilhom inehhu l-qalziet ta’ taht.

L-aggravji ta’ l-appellant jistghu, bazikament, jigu ragruppati f’erba’:

1. Li l-ewwel Qorti ssottovalutat il-fatt, mistqarr mill-psikjatra Dott. **D.C.**, li l-appellant “jemmen li ma hemm ebda konnessjoni bejn nudizmu u sess”. Skond l-appellant l-ewwel qorti ma afferratx li f’mohhu hemm “hajt jifred in-nudizmu minn implikazzjonijiet sesswali”. Ghalhekk kienet skorretta, skond l-appellant, l-affermazzjoni tal-ewwel qorti li huwa “bniedem hazin li ghamel hazin sesswalment man-neputija u l-habiba taghha…taht l-eta`”. Skond l-appellant, f’mohhu huwa ma kienx qed jabbuza sesswalment mit-tfal.
2. Skond l-appellant, u dejjem fuq dak li irrelata l-imsemmi psikjatra, “il-kuntatt ta’ natura sesswali li kellu mat-tfal ma kienitx wahda erotika ghalih, imma kienet wahda li hija assocjata mal-faxxinu tieghu tan-nudizmu u r-rigidita` tieghu fi hsibijietu, li ghalih tul hajtu n-nudizmu kienet haga tajba u ma kien hemm xejn hazin fiha.”[1] Skond l-appellant l-ewwel qorti ma gharfitx tinterpreta korrettement il-hsibijiet jew ahjar il-*perception* u l-eghmil tieghu.
3. Skond l-appellant ma hux minnu dak li rriteniet l-ewwel qorti li huwa kien wera materjal

[1] Ara d-deposizzjoni ta’ Dott. **D.C.**, fol. 382 tal-atti.

pornografiku liz-zewg minorenni. L-appellant jikkontendi "li l-uniku materjal li raw flimkien kienu xi ritratti taghhom stess waqt li kienu qed jiccajtaw u jilghabu".

4. Subordinatament u bla pregudizzju huwa jikkontendi li l-piena fuqu inflitta kienet wahda severa wisq u li ma taghmilx ghall-kaz, tenut kont l-eta` tieghu ta' 67 sena, il-fatt li huwa n-nannu tat-tifla Angela (li issa ser ikollha r-rimors li mihabba fiha nannuha mar il-habs) u peress li "l-effetti ta' 'dik il-loghoba' li laghbu flimkien Ghawdex ilhom li ghaddew."

Din il-Qorti tibda biex tosserva li huwa minnu li kemm il-psikjatra Dott. **D.C.** kif ukoll ix-xhud prodott mill-istess appellant, allura imputat, quddiem l-ewwel qorti, cioe` r-Reverendu **B.B.**, fissru li l-appellant ghandu problema ta' personalita`. Il-psikjatra ghamilha cara li l-appellant ma jbatix minn genn fis-sens tal-ligi, izda li dan ghandu ossessjoni (li jsejhilha "faxxinu") bin-nudizmu, prattika li l-appellant jara bhala xi haga tajba u naturali. Fi kliem l-imsemmi psikjatra:

**"Ma' dan kollu, imbghad, hemm [f]l-ossessjoni tieghu, u nies b'*obsessional personality* jistghu jiffissaw b'xi haga bir-rigidita` taghhom, dan minn dejjem, minn meta kien zghir, kellu faxxinu qawwi, *fascination* qawwija, kellu *fascination* qawwija bin-nudizmu. Minn meta kien tifel zghir, meta kien pre-adolexxenti, kien jitla fuq il-bejt u joqghod jilghaq ix-xemx, joqghod jissanbejtja gharwien fuq il-bejt."** [2]

Issa, din il-Qorti mhux ser tipprova tghaddi xi forma ta' gudizzju fuq il-prattika tan-nudizmu ghax tali ezercizzju jkun totalment irrelevanti ghall-finijiet ta' l-appell *de quo*. Din il-Qorti ser tillimita ruhha tosserva li l-fatt li persuna jkollha problema ta' personalita` jew il-fatt li temmen li eghmil taghha ma jkunx moralment jew legalment hazin, ma jezonerax lil dik il-persuna mir-responsabbilta` penali kemm-il darba jkunu jikkonkorru kemm l-element materjali tar-reat kif ukoll l-element formali tieghu. Kif diga gie accennat, l-appellant ma hux proprjament jikkontesta –

[2] Fol. 380.

hlief ghall-kwistjoni tal-wiri tal-materjal pornografiku – l-element materjali. A skans ta' ekwivoci din il-Qorti taghmilha cara li il-fatt li wiehed imiss il-partijiet privati ta' minorenni, jew igieghel lill-istess minorenni jmissu l-partijiet privati taghhom, fic-cirkostanzi bhalma sehhew f'dan il-kaz, jammonta ghal eghmil zieni li jikkorrompi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali, u li fil-fatt ikkorrompa. L-affarijiet l-ohrajn – l-ittehid tar-ritratti bla hwejjeg, id-docca u l-loghob waqt li kienu gharwenin, u l-wiri tar-ritratti fuq il-kompjuter ma humiex proprjament "eghmil zieni" ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 203(1), izda huma mezzi ohra li bihom wiehed jeccita, ighin jew jiffacilita l-korruzzjoni ta' minorenni. Dawn ta' l-ahhar illum huma kolpiti bl-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, artikolu li dahal fis-sehh fl-2002 u ghalhekk wara d-data indikata fl-imputazzjoni. Ghal dak li huwa l-element formali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni taht l-Artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali, hija bizzejjed il-konsapevolezza fis-suggett attiv li huwa qed jaghmel l-att – l-att ta' libidini – fil-presenza tal-minorenni. Ma hix mehtiega fis-suggett attiv xi intenzjoni specifika li jikkorrompi (ara ***Il-Pulizija v. Fortunato Tagliaferro*** App. Krim. 23 ta' Dicembru 1991). Ghalhekk, x'kien jahseb l-appellant dwar il-fatt li wiehed imiss il-partijiet privati ta' minorenni jew li jgieghel lill-istess minorenni jmissu l-partijiet privati taghhom – dejjem fic-cirkostanzi bhalma sehhew f'dan il-kaz – huwa rrelevanti ghall-kostituzzjoni tar-reat. Din il-Qorti zzid tghid li, mill-materjal manifestament pornografiku ezibit fil-process, uhud minnu kjarament *child pornography*, hija ma tistax taccetta t-tezi tad-difiza li dak li l-appellant ghamel fir-rigward taz-zewg minorenni kien semplici manifestazzjoni tal-prattika nudista. Ghalhekk l-ewwel zewg aggravji qed jigu respinti.

Kwantu ghat-tielet aggravju, l-appellant ghandu, f'certu sens, ragun. Kien biss fir-rigward tan-neputija tieghu u fl-ewwel okkazjoni (jigifieri meta kienet wahedha u mhux mal-habiba taghha) li jirruzulta li huwa uriha materjal pornografiku[3].

[3] Ara d-deposizzjoni ta' **C.D.** a fol. 268 u 269.

Fl-ahharnett, kwantu ghall-piena, din il-Qorti ssibha ferm difficli tifhem l-argument ta’ l-appellant fir-rigward tan-neputija tieghu. Donnu l-appellant qed jistieden lil din il-Qorti biex ma tibghatux il-habs ghax dan jista’ jkollu effett negattiv fuq in-neputija tieghu!! Din hija sovversjoni ta’ kull hsieb li jaghmel sens u ta’ kull logika. L-appellant, meta ghamel dak li ghamel man-neputija tieghu u mal-habiba taghha f’Settembru tal-2001, ftit li xejn jidher li qaghad iqis il-konsegwenzi li dak l-eghmil seta kellu fuq il-personalita` taghhom, ghalkemm jidher li kien ben konxju li dak li kien qed isir ma kienx ghal kollox normali jew korrett, tant li lin-neputija tieghu kien ighidilha biex ma titkellem ma’ hadd dwaru ghax “jistghu jigu fit-*trouble*”. Kif fissret omm **E.F.**, **C.C.**, fid-deposizzjoni taghha tat-18 ta’ Ottubru 2002 (fol. 348), l-imsemmija tifla baqghet trawmatizzata b’dak li ghaddiet minnu f’Settembru 2001; hija tilfet l-innocenza taghha fis-sens li “m’ghadhiex tara ragel bhala xi hadd li huwa tajjeb, tara ragel u *she questions whether or not he is going to harm her*” (fol. 351). Il-hsara psikologika fuq it-tfal giet kagunata b’dak li ghamel l-appellant, u mhux bil-piena li dawn il-Qrati huma obbligati li jerogaw.

Fil-kors tas-sottomissjonijiet tieghu dwar dan l-ahhar aggravju, l-abbili difensur ta’ l-appellant staqsa jekk kienx gust li f’dan il-kaz tinghata l-piena massima lill-appellant. Effettivament il-piena applikabbli f’dan il-kaz hija (minhabba l-aggravju ta’ l-eta` tas-suggetti passivi u tar-relazzjoni bejn l-appellant u l-minuri Angela[4]) minn minimu ta’ tlett snin prigunerija sa massimu ta’ sitt snin prigunerija, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, kif ukoll tal-fatt li dak li sehh gara biss f’zewg okkazjonijiet, u li t-tokkamenti aktar ‘l fuq imsemmija kienu sporadici, il-piena massima ma kienitx indikata. Konsegwentement ser ikun hemm temperament fil-piena ghal din ir-raguni biss – ir-ragunijiet l-ohra, cioe` l-eta` tal-appellant u t-trapass taz-zmien – din il-Qorti sejra tinjorahom.

---

[4] L-ewwel qorti ma jidhirx li hadet in konsiderazzjoni, ghal-finijiet ta’ piena, l-Artikolu 18 tal-Kap. 9.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjoni, kif ukoll fejn illiberatu mit-tieni u mir-raba' imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu sitt snin prigunerija u minflok tikkundannah ghall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija mill-lum. Il-Qorti tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-ewwel qorti ordnat, fl-interess tal-minuri, id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-hati, isem il-minorenni u ta' kwalsiasi dettal li jista' jwassal ghall-identita` ta' l-istess minuri. Fl-ahharnett tordna li fuq is-sit tal-internett is-sentenza tidher bl-ismijiet kollha mibdula.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------